Parlament Ewropew
2019-2024

Dokument ta' sessjoni

B9-0341/2022

29.6.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

imressqa skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa (2022/2734(RSP))

José Gusmão, Manon Aubry, Martin Schirdewan
f'isem il-Grupp The Left

B9-0341/2022

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa
(2022/2734(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Tielet Parti u l-Artikolu 116 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Qafas Inklużiv tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS), "Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastri biex jiġu indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija", li aderew magħha u qablu magħha 137 membru minn 141 fl-4 ta' Novembru 2021,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni (COM(2021)0823),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-Unjoni[1],

– wara li kkunsidra l-analiżi tal-Osservatorju tat-Taxxa tal-UE tal-25 ta' Ottubru 2021 intitolat "Revenue effects of the global minimum tax: country-by-country estimates" (L-effetti tad-dħul mit-taxxa minima globali: stimi għal kull pajjiż),

– wara li kkunsidra l-istudju tal-Istitut Ekonomiku Pollakk ta' Jannar 2020 intitolat "Tax unfairness in the European Union: towards greater solidarity in fighting tax evasion" (L-inġustizzja fiskali fl-Unjoni Ewropea: lejn aktar solidarjetà fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-8 ta' Ottubru 2021, 136 membru minn 140 tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS qablu fuq riforma tas-sistema internazzjonali tat-taxxa fl-ambitu ta' soluzzjoni b'żewġ pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u biex tiġi limitata l-kompetizzjoni fit-taxxa korporattiva permezz tal-introduzzjoni ta' rata tat-taxxa minima globali ta' 15 %;

B. billi fl-2020 kienu biss sitta l-Istati Membri tal-UE li kellhom rata effettiva aktar baxxa minn 15 %;

[1] Testi adottati, P9_TA(2022)0216.

C. billi diversi ċikli ta' negozjati ssarrfu f'impenn mitigat aktar baxx minn dak oriġinarjament propost, jiġifieri 21 %;

D. billi bl-implimentazzjoni tar-rata tat-taxxa minima globali fl-ambitu tar-riforma b'żewġ pilastri msemmija qabel il-pajjiżi jkunu jiġbru kull sena, bejn wieħed u ieħor, USD 150 biljun bħala dħul ġdid[2];

E. billi l-UE, waħedha, tkun disposta żżid id-dħul mit-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji b'madwar EUR 64 miljun fis-sena bl-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji effettiva minima ta' 15 % skont il-Pilastru II ta' dan il-ftehim globali[3];

F. billi xi studji indipendenti jistimaw li rata ta' 25 % tal-UE, mingħajr konċessjonijiet tkun tippermetti li jinġabru EUR 234 biljun[4];

G. billi l-kwistjonijiet tat-taxxa fl-Unjoni huma suġġetti għal proċedura leġiżlattiva speċjali u jiġu deċiżi bl-unanimità fil-Kunsill;

H. billi l-pajjiżi kollha tal-OECD u tal-G20, inklużi s-27 Stat Membru kollha tal-UE, laqgħu l-ftehim għar-riforma tar-regoli tat-taxxa internazzjonali f'Ottubru 2021;

I. billi, minkejja dan l-impenn, l-adozzjoni ta' direttiva tal-UE li ssostni u timplimenta l-Pilastru II ta' dan il-ftehim internazzjonali (id-Direttiva tal-Pilastru II) falliet tliet darbiet fil-konfigurazzjoni "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" (ECOFIN) tal-Kunsill, minħabba n-nuqqas li tinkiseb l-unanimità;

J. billi l-Polonja u, aktar reċentement, l-Ungerija, invokaw il-veto nazzjonali tagħhom biex jimpedixxu l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Pilastru II, minkejja li kisbet l-appoġġ tas-26 Stat Membru kollha l-oħra;

K. billi l-Ungerija, minkejja li qablet mal-implimentazzjoni tad-direttiva fil-laqgħat preċedenti tal-ECOFIN, invokat il-veto tagħha fil-laqgħa tal-ECOFIN ta' Ġunju 2022 wara l-irtirar tal-veto li ilu jeżisti min-naħa tal-Polonja;

L. billi d-dħul pubbliku li jirriżulta mill-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Pilastru II fl-UE jkun partikolarment importanti fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna u tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa ta' ġustizzja fiskali u li jiġi żgurat l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija abbażi ta' tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jafferma li r-regoli internazzjonali fis-seħħ dwar it-taxxa huma fil-biċċa l-kbira skaduti u mhumiex kapaċi jindirizzaw id-diġitalizzazzjoni dejjem akbar tal-ekonomija u jrażżnu b'mod effikaċi l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa; jafferma l-ħtieġa urġenti ta' riforma tar-regoli permezz tal-adozzjoni tal-ftehim globali dwar it-taxxa tal-OECD/G20, biex is-sistemi tat-taxxa internazzjonali, tal-UE u nazzjonali jkunu adatti għall-isfidi ekonomiċi,

[2] https://www.oecd.org/tax/international-community-strikes-a-ground-breaking-tax-deal-for-the-digital-age.htm
[3] https://www.taxobservatory.eu/wp-content/uploads/2021/10/Note-2-November-2021-1.pdf
[4] https://www.taxobservatory.eu/wp-content/uploads/2021/10/Note-2-November-2021-1.pdf

soċjali u teknoloġiċi l-ġodda tas-seklu XXI.

2. Jinnota bi tħassib kbir il-ġirja persistenti lejn l-aktar livell baxx f'termini ta' rati tat-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji fl-ekonomiji żviluppati matul l-aħħar deċennji; jenfasizza t-tnaqqis qawwi fir-rati medji tat-taxxa korporattiva fl-UE minn 33,3 % fl-2000 għal 22,7 % sal-2020[5]; itenni l-ħtieġa urġenti li jiġi impost limitu minimu fuq it-taxxa korporattiva permezz tal-introduzzjoni tar-rata effettiva minima ta' 15 %, f'konformità mal-Pilastru II tal-ftehim dwar it-taxxa globali;

3. Jenfasizza li r-regoli tat-taxxa eżistenti u d-disparitajiet bejn ir-regoli tat-taxxa tal-Istati Membri u ta' pajjiżi oħra, flimkien, fost affarijiet oħra, man-nuqqas ta' kooperazzjoni internazzjonali, qed iħallu lill-kumpaniji multinazzjonali jadottaw ippjanar aggressiv tat-taxxa li jnaqqas konsiderevolment ir-rati tat-taxxa effettivi tagħhom; ifakkar li din is-sitwazzjoni tpoġġi wkoll lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'pożizzjoni ta' żvantaġġ kompetittiv notevoli, inkwantu lilhom qegħdin jiġu applikati rati tat-taxxa effettivi notevolment ogħla meta mqabbel mal-kumpaniji multinazzjonali, fatt li huwa inaċċettabbli;

4. Jiddeplora l-fatt li t-telf li jirriżulta mill-użu tat-tranżazzjonijiet internazzjonali għall-evitar u għall-evażjoni tat-taxxa jċaħħad lill-Istati Membri tal-UE EUR 170 biljun fis-sena[6];

5. Jenfasizza l-pożizzjoni li adotta dan l-aħħar rigward id-Direttiva tal-Pilastru II, li titlob implimentazzjoni rapida sa Jannar 2023;

6. Jissottolinja li l-ftehim internazzjonali jkopri biss bejn 10 u 15 % tal-kumpaniji multinazzjonali, u li l-esklużjonijiet u l-konċessjonijiet inklużi fil-ftehim jippermettu li jkun hemm aktar evitar u evażjoni tat-taxxa; jissottolinja, barra minn hekk, in-natura dinamika tal-evażjoni u tal-evitar tat-taxxa; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taġġorna l-leġiżlazzjoni rilevanti biex tindirizza aħjar dawn il-kwistjonijiet essenzjali;

Il-proċess attwali tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-impatt tal-veto nazzjonali

7. Jisħaq li l-votazzjoni b'unanimità fil-Kunsill dwar il-politika tat-taxxa ma tiffavorix l-introduzzjoni tal-bidliet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali; jiddispjaċih li s-sitwazzjoni attwali spiss twassal għal dewmien u nuqqas ta' progress fl-armonizzazzjoni tar-regoli tat-taxxa fl-Unjoni li jkunu ta' ġid għal kulħadd;

8. Jissottolinja bi tħassib kbir il-fatt li l-vetoes nazzjonali minn dejjem ixekklu l-progress f'ħafna oqsma importanti tat-tassazzjoni, bi proposti bħall-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties, ir-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi u issa d-Direttiva tal-Pilastru II imblukkata fil-Kunsill bħala konsegwenza;

9. Jiddeplora l-fatt li l-veto nazzjonali fi kwistjonijiet ta' tassazzjoni ġew sfruttati, użati bħala armi u bħala pedini tan-negozjar minn ċerti Stati Membri biex jiksbu gwadanji, jieħdu

[5] https://tradingeconomics.com/euro-area/corporate-tax-rate
[6] https://pie.net.pl/wp-content/uploads/2018/07/PIE_Report_Tax_Havens_EU.pdf

konċessjonijiet u jsegwu interessi oħra li jservuhom f'oqsma lil hinn mit-tassazzjoni u mhux relatati magħha; jisħaq li l-eżistenza ta' dawn il-vetoes thedded li tipperpetwa prattiki tat-taxxa dannużi u inġustizzja soċjali li jimminaw il-kapaċità tal-Unjoni li tiffunzjona b'mod effettiv, trawwem kundizzjonijiet ekwi u tipproteġi l-aħjar interessi taċ-ċittadini u l-SMEs tagħha;

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni u oqsma li fihom hemm lok għal riforma

10. Jistieden lill-Ungerija ttemm minnufih l-imblukkar bla sens tal-ftehim globali dwar it-taxxa fil-Kunsill; jiddeplora l-fatt li Stat Membru wieħed għandu l-kapaċità li jżomm ostaġġ l-implimentazzjoni ta' tali ftehim storiku u lis-26 Stat Membru ieħor fil-ġlieda għal ġustizzja fiskali akbar;

11. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex toqgħod lura milli tapprova l-pjan nazzjonali ta' rkupru tal-Ungerija sakemm tkun ikkonformat bis-sħiħ mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha tas-Semestru Ewropew fil-qasam tal-istat tad-dritt u tkun implimentat is-sentenzi rilevanti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 116 tat-TFUE dwar ċerti politiki tat-tassazzjoni sabiex tidderoga mir-rekwiżit tal-unanimità fil-każijiet li fihom il-Kummissjoni tikkonstata li differenza bejn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi fl-Istati Membri qiegħda tfixkel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, iħaddnu t-tranżizzjoni mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) f'dawn l-oqsma għal dawn ir-raġunijiet; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-manifest ta' Ursula von der Leyen meta kienet kandidata għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni, li kien jinkludi impenn li tagħmel "użu mill-klawżoli fit-Trattati li jippermettu li l-proposti fuq it-tassazzjoni jiġu adottati permezz tal-kodeċiżjoni u deċiżi b'votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill";

13. Jistieden lill-Kummissjoni mill-ġdid tvara proposta biex ikun bidla mill-unanimità għall-VMK f'għadd ta' oqsma tat-tassazzjoni, partikolarment meta dawn ikunu neċessarji għall-ġlieda kontra l-frodi, l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, kif ukoll fil-miżuri relatati mat-taxxa fejn jidħlu l-ħarsien tal-ambjent u l-ksib, sal-2050, tal-għan tagħna tan-newtralità klimatika permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; ifakkar fid-diskors tal-ex President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker dwar l-istat tal-Unjoni tal-2018, li fih appella għal sistema ta' maġġoranza kwalifikata għal kwistjonijiet ta' tassazzjoni;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti aktar dwar jekk ikunx xieraq li jiġi implimentat il-ftehim globali dwar it-taxxa permezz tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa stabbilita fl-Artikolu 20 tat-TUE; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, teżamina l-possibbiltà li jinħoloq mekkaniżmu biex tiġi applikata l-kooperazzjoni msaħħa b'mod prestabbilit fis-sitwazzjonijiet li fihom tliet Stati Membri jew inqas jimblukkaw l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' tassazzjoni li jimmiraw li jiżguraw ġustizzja fiskali, jiġġieldu l-frodi, l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u jħarsu l-ambjent;

15. Ifakkar li r-rata tat-taxxa ta' 15 % hija minimu assolut u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jmorru oltre u jadottaw rata tat-taxxa ogħla biex jevitaw ġirja lejn l-iktar livell baxx f'dik li hi armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa ta' 15 %; jinnota li xejn ma tagħmel ħlief tgħin biex

jintlaħqu ftehimiet multilaterali aktar ambizzjużi fil-futur;

16. Jisħaq fuq il-fatt li, fix-xenarju li fih l-Istati Uniti jimblukkaw il-ftehim internazzjonali billi ma jimplimentawx att leġiżlattiv, il-Konvenzjoni Multilaterali (KML) li tipprevedi t-tneħħija u l-istatus quo tat-taxxi fuq is-servizzi diġitali u miżuri simili rilevanti oħra sal-31 ta' Diċembru 2023 ma tibqax fattibbli u għandha għaldaqstant tiġi revokata;

17. Jisħaq fuq il-leġittimità tal-adozzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-miżuri biex jiddefendu l-bażijiet tat-taxxa tagħhom, bħall-possibbiltà li l-kostijiet ma jitnaqqsux, il-miżuri ta' taxxa minn ras il-għajn, il-limitazzjoni tal-eżenzjoni mill-parteċipazzjoni u r-rekwiżiti speċjali f'dik li hi dokumentazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzar ta' trasferiment;

18. Jenfasizza li studji reċenti wrew li d-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties (IRD) u d-Direttiva dwar Kumpanniji Prinċipali u Sussidjarji jippermettu lill-Istati Membri jiċċirkolaw il-flussi mhux intaxxati tal-introjtu passiv bil-għan li jaslu f'ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi b'taxxi baxxi jew mingħajr taxxi; jenfasizza, barra minn dan, li ż-żewġ direttivi jistgħu jinċentivaw lill-kumpaniji joħolqu strutturi holding fi Stati Membri b'tassazzjoni baxxa sabiex jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mit-taxxa minn ras il-għajn; jistieden lill-Kummissjoni terġa' tistabbilixxi r-rieżami tal-IRD, li jinsab imblukkat fil-Kunsill.

°

° °

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.